MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-MIDJA

## La Valette Multi Manager Property Fund – Reviżjoni indipendenti tal-fajls tal-investituri

Nhar il-Ġimgħa, 4 Jannar, 2013, l-Awtoritá għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (l-"MFSA") bagħtet lill-Bank of Valletta (il-"Bank") il-lista ta' dawk l-investituri li, skont ir-Rapport tal-Espert Indipendenti imħejji minn Mazars u kkonfermat mill-MFSA, huma eliġibbli għal kumpens addizzjonali mill-Bank. Din il-lista tinkludi dawk l-investituri li ressqu lment mal-MFSA, u li dwarhom hemm qbil mal-Bank li huma eliġibbli għal kumpens addizzjonali.

Il-Bank ingħata struzzjonijiet sabiex jipproċessa u jħallas il-kumpens addizzjonali li hu dovut mingħajr dewmien. Dan il-ħlas addizzjonali għandu jitħallas lill-investituri eliġibbli mingħajr tnaqqis.

Mazars kien beda r-reviżjoni ndipendenti tal-fajls kmieni f'Settembru 2012, u għadda r-Rapport tal-Espert Indipendenti tiegħu lill-MFSA fil-21 ta' Diċembru 2012. Fir-Rapport tiegħu, Mazars ġabar u kkunsidra l-informazzjoni relevanti kif provduta mill-Bank dwar il-bejgħ ta' unitajiet fil-Fond mill-Bank lill-investituri. Mazars eżamina dawk it-tranżazzjonijiet kollha fejn il-klijent ingħata parir u dawk it-tranżazzjonijiet fuq bażi ta' "execution only" fejn id-dokumentazzjoni ma kinetx imtliet b'mod korrett. Dawn it-tranżazzjonijiet ġew eżaminati minn Mazars sabiex jiġi determinat min minn dawn l-investituri kien jissodisfa l-kriterji ta' "investitur ta' esperjenza", kif definit fil-prospett supplimentari tal-Fond, u Mazars lestiet lista ta' investituri li ma kinux jikkwalifikaw bħala investituri ta' esperjenza.

Xi nvestituri kkuntattjaw lill-MFSA sabiex jistaqsu jekk humiex intitolati għal kumpens addizzjonali. Kif spjegat fl-istqarrija maħruġa mill-MFSA fl-4 ta' Ġunju, 2012, il-lista ta' investituri li għandhom jingħataw kumpens addizzjonali intbagħtet lill-Bank. Il-Bank issa għandu jikkalkula l-aħħar pagament li hu dovut, u jagħmel arranġamenti sabiex dan jitħallas mingħajr dewmien. Se jsir eżerċizzju ta' rikonċiljazzjoni biex jiġi żgurat li l-investituri kollha jkunu ġew ikkunsidrati u evalwati b'mod korrett, imma l-pagamenti dovuti jistgħu jsiru matul dan l-eżerċizzju. L-MFSA se tkompli tissorvelja l-finalizzazzjoni ta' dan il-proċess ta' investigazzjoni.

L-MFSA se taġġorna l-gwida b'mistoqsijiet u tweġibiet dwar il-bejgħ tal-La Valette Multi Manager Property Fund, aċċessibbli minn http://www.mfsa.com.mt/pages/announcements.aspx?id=1.

**Communications Unit**
**Awtoritá Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**10 ta' Jannar, 2013**
**Ref: MFSA MR 01/2013**